

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/1046**tat-30 ta' Mejju 2023**

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.
- (3) Fid-dawl tas-serjetà tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li żewġ persuni responsabbi għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna jenħtieġ li jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat skont f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Mejju 2023.

*Għall-Kunsill
Il-President
J. ROSWALL*

^(¹) ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.

ANNESS

Il-persuni li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014:

Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-eLENKAR
"1500.	Aleksandr KALININ (Александр КАЛИНИН)	<p>Funzjoni: politikant, mexxej tal-Partit tar-Reġjuni tal-Moldova, kap tal-organizzazzjoni pubblika interreġjonali Kungress tad-Dijspori Moldovani</p> <p>Data tat-twelid: 16.2.1977</p> <p>Post tat-Twelid: Balti, eks USSR (issa Republic of Moldova)</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Nazzjonalita: Moldovana, Russa</p>	<p>Aleksandr Kalinin huwa politikant Moldovan, u l-mexxej tal-Partit tar-Reġjuni tal-Moldova. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, huwa vvjaġġa fiż-żoni okkupati tal-İvant tal-Ukrajna u pprova appoġġ lill-forzi militari Russi. Barra minn hekk, ippromwowa pubblikament is-simboli Russi tal-invażjoni tal-Ukrajna u l-azzjonijiet Russi fil-İvant tal-Ukrajna.</p> <p>Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	30.5.2023
1501.	Grigore CARAMALAC magħruf ukoll bħala Grigory Ivanovich KARAMALAK (Григорий Иванович КАРАМАЛАК)	<p>Funzjoni: negozjant; president tal-IFAVIS Foundation; viċi president tal-Federazzjoni Russa tal-Isports tal-Lotta; assistant tas-senatur għar-reġjun ta' Kursk, Alexander Bryksin</p> <p>Data tat-twelid: 21.5.1965</p> <p>Post tat-Twelid: Taraclia, eks USSR (issa Republic of Moldova)</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Nazzjonalita: Moldovana, Russa</p> <p>Persuni assoċjati: Alexander Yuryevich Bryksin</p>	<p>Grigore Caramalac huwa negozjant Russu/Moldovan. Huwa jeżerċita kontroll fuq il-fondazzjoni tal-IFAVIS (il-Federazzjoni Russa), li permezz tagħha involva ruħu fl-organizzazzjoni ta' avvenimenti patrijotti u sportivi fit-territorji okkupati fil-İvant tal-Ukrajna, bl-appoġġ tal-awtoritatijiet tal-okkupazzjoni. Barra minn hekk, huwa l-assistent tas-senatur Russu għar-reġjun ta' Kursk, Alexander Bryksin.</p> <p>Huwa għalhekk responsabbli għall-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Grigore Caramalac huwa wkoll assoċjat ma' Alexander Bryksin.</p>	30.5.2023".